# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Frar 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1372/96 DS**

Raymond Falzon

vs

Marco Borg u b'digriet tas-16 ta' April 1996 gie kjamat fil-kawza Gerald Sultana

Illum, 8 ta' Frar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' April 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-21 ta' Ottubru 1995 waqt li l-attur kien wieqaf bil-karrozza tieghu Citroen numru L-8835 fil-petrol station fi Triq Sant'Anna, Furjana biex jiehu l-petrol, hu qala' daqqa minn wara minn xarabank numru Y-0352 misjuqa mill-konvenut li bl-istess daqqa tefghetu fil-vettura ta' quddiemu Hyundai numru I-0729 kif jirrizulta mill-anness skizz markat Dokument A.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident stradali l-attur sofra danna skond kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza kemm fil-vbettura tieghu numru L-8835 kif ukoll fuq il-persuna tieghu peress li qed isofri dizabilita permanenti skond ma jirrizulta mill-anness certifikat markat Dokument B.

Illi dan l-incident gara minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

Illi l-konvenut gie nterpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq citat u ghad-danni konsegwenzjali.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Novembru 1995 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti jismu "Marco" u mhux "Mario" u ghandha ssir il-korrezzjoni opportuna.

2. Illi huwa qatt ma cahad ir-responsabilita' ghall-incident.

3. Illi huwa kien bidd xufier tax-xarabank u sidha accertah li dina kienet inxurjata, meta fil-fatt wara s-sinistru rrizulta li ma kienitx. Ghalhekk jitlob il-kjamat in kawza tas-sid Gerald Sultana;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Jannar 1997 fejn (1) giet milqugha l-ewwel eccezzjoni u, stante li l-konvenut gie erronejament indikat bhala "Mario Borg" minflok "Marco Borg", giet ordnata l-korrezzjoni opportuna bis-sostituzzjoni ta' l-isem "Mario" bl-isem "Marco" u (2) intlaqghet it-talba ghall-kjamat fil-kawza ta' Gerald Sultana;

Rat id-digriet ta' l-istess jum fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat il-verbali tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-Furjana fil-21 ta' Ottubru 1995 meta xarabank numru Y-0352 misjuqa mill-konvenut dahlet fil-vettura Citroen numru L-8835 ta' l-attur u misjuqa minnu u tefghetha fuq il-karrozza Hyundai numru I-0729 misjuqa minn David Galea.

Il-konvenut xehed fis-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 2001 u, filwaqt li ammetta li dahal fil-karrozza misjuqa mill-attur, allega li dan gara ghax l-attur hasdu meta qasam minn quddiemu biex jidhol ghall-*petrol station* fi Pjazza Sant' Anna, il-Furjana. Fil-fehma tal-Qorti pero` dwar

responsabbilta` ftit hemm x'jinghad u dan peress li fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu stess jammetti r-responsabbilta` u fid-dikjarazzjoni guramentata jghid testwalment: *"L-esponenti in effetti qatt ma cahad il-htija ghall-akkadut"*. Jirrizulta wkoll li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Novembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Laferla Insurance Agency Limited noe et vs Mario Borg u Raymond Falzon**, dik il-Qorti, in konnessjoni ma' l-istess incident, iddikjarat ir-responsabbilta` ta' "Mario Borg" (ma jirrizultax li saret korrezzjoni ta' l-isem f'dik il-kawza) ghall-incident in kwistjoni.

Ghal kull bwon fini l-Qorti ezaminat l-provi kollha prodotti u taqbel li r-responsabbilta` ghandha tigi attribwita lill-konvenut minhabba li naqas li jzomm *a proper look-out* u meta gie biex jissorpassa l-vetturi li kienu biswit il-*petrol station* immiskalkola u baqa' diehel fil-karrozza ta' l-attur bl-effett li mbuttaha ghal fuq il-karrozza ta' David Galea. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni.

Jigi osservat l-ewwelnett li fis-seduta mizmuma quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Borg Galea fil-11 ta' Ottubru 1999, l-attur xehed li m'ghadux ibati mid-dizabilita` ndikata fic-certifikat mediku anness mac-citazzjoni (Dok. B a fol. 8 u 9) u difatti fl-istess seduta Dr. George Abela ghall-attur iddikjara li l-attur m'ghadux jippretendi danni ghal *lucrum cessans*. Il-Qorti b'hekk se tghaddi biex tillikwida d-*damnum emergens*:

Dwar dawn id-danni l-attur xehed fis-seduta mizmuma quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Borg Galea fit-2 ta' Lulju 1997. Huwa esebixxa *survey report* (Dok. RF1), kont ta' Fieres Garage ghal Lm922.59 (Dok. RF2), ircevuta ta' Lm3.45 dwar l-iskizz u rapport tal-Pulizija (Dok. RF3), VAT receipt ghal Lm40 ta' l-*orthopaedic surgeon* Mr. Charles Grixti (Dok. RF4), ircevuta tal-*parts* ghal

Lm621.45,1 (Dok. RF6), u *car hire agreement* (Dok. RF7). Inoltre qal li nefaq madwar Lm8 ghal pilloli izda li dwarhom m'ghandux ircevuti.

Rigward id-dokumenti RF2, RF3, RF4 u RF6 il-Qorti m'ghandha xejn x'tosserva u huma gustifikati. Dwar is-somma ta' Lm8 li semma ghal pilloli, ghalkemm ma gewx esebiti rcevuti, billi din is-somma hija ragonevoli fic-cirkostanzi, hija accettabbli.

Dwar kiri ta' karrozza l-attur esebixxa *car hire agreement* li fuqu hemm indikat il-kiri ta' karrozza mit-23 ta' Ottubru 1995 sat-30 ta' Mejju 1996 bir-rata ta' Lm5.50 kuljum ghas-somma ta' Lm1199.

B'nota ta' l-20 ta' Dicembru 2001 esebixxa dokument intestat ukoll "car hire agreement" fejn hemm miktuba s-somma ta' Lm1199 u l-kliem "paid in cash". Huwa kkonferma bil-gurament li hallas dan l-ammont kemm quddiem il-Qorti kif ukoll waqt is-seduti peritali. Dawn il-provi ma gewx kontradetti bl-ebda mod u ghalhekk is-somma msemmija hi dovuta wkoll.

Konsegwentement id-danni qed jigu likwidati fis-somma ta' Lm2794.49.

Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut sostna li huwa kien biss ix-xufier tax-charabanc u li sidha kien assikurah li kienet assikurata meta fil-fatt wara rrizulta li ma kenitx. Ghalhekk talab il-kjamata fil-kawza ta' Gerald Sultana, sid ix-charabanc. Fil-fatt it-talba giet milqugha u Gerald Sultana gie kjamat fil-kawza. Jirrizulta pero` li sar biss tentattiv wiehed biex jigi notifikat dan Gerald Sultana u r-riferta relattiva hija wahda negattiva li tghid li ma giex notifikat fl-indirizz moghti peress li "no such address". Ma sar l-ebda tentattiv iehor biex jigi notifikat fil-mori tal-kawza. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-konfront ta' l-imsemmi Gerald

Sultana u ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri it-talbiet attrici qed jigu milqugha kontra l-konvenut Marco Borg.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici,

(1) fuq ammissjoni tal-konvenut tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq citat u ghad-danni konsegwenzjali,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm2794.49,
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta’ Lm2794.49 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**